# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-2 ta' Mejju 2002**

Avviz numru 37/96

L-Avukat Dottor Leslie Grech bhala esekutur testamentarju tal-mejjet John Clarence D'Arcy

-vs-

Victor Galea kemm f'ismu proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsefrin Francis u Carmen konjugi Galea

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attur li permezz tieghu talab li l-konvenut jigi kkundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti jizgombra mill-fond numru mija u tlieta u tletin (133) Sqaq l-Arcipriet, Gharb, Ghawdex liema fond qieghed jigi okkupat minnu minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur nomine skond il-ligi.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-fond imsemmi ma jaccedix il-mitejn lira Maltija (Lm200) fis-sena.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fl-ewwel lok, l-esponenti jokkupaw il-fond numru mija u tlieta u tletin (133) Sqaq l-Arcipriet, Gharb, Ghawdex b'titolu validu fil-ligi filwaqt illi l-attur nomine m'ghandu l-ebda titolu fuq il-fond imsemmi u dan kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond tax-xhieda ta' l-attur nomine, imkien kontradetta, jirrizulta wisq car li l-konvenut, m'ghandu ebda titolu vinkolanti fuq il-fond meritu dina l-kawza. Difatti l-prova ta' xi titolu minnu vantat qatt ma saret u l-prova ta' dan kien jinkombi fuqu.

Illi in vista ta dan il-Qorti ftit ghandha ghalfejn tikkumenta ulterjorment.

Ghaldaqstant qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine, tikkundanna lill-konvenut jizgombra mill-fond 133 Sqaq l-Arcipriet, Gharb u ghal dan il-fini tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum.

Bl-ispejjez ghall-konvenut.

(ft.) A. Micalelf Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registraur